Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law).

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Calleja)
(Spettur Joseph Valletta)
vs
Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut

Illum 13 ta' Marzu, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-erba imputati fuq imsemmija li permezz taghhom gie akkuzat talli :

Lil Joseph Christie, Stephen Grech u Silvan Cilia talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli :

a) f'H'Attard matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Settembru 1996, ikkomettew serq mill-fond 'Blue Clinic' sitwata fit-Triq l-Pitkali, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u vjolenza numerika u li sar ghad-detriment ta' Dr. Frank Portelli MD;

b) Fin-Naxxar nhar il-25 ta' Settembru 1996 f'xi hin wara nofsinhar, ikkommettew serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Tamarisk" sitwat fi Triq il-Forga Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000), bl-lok u vjolenza numerika u li sar ghad-detriment ta' John Zammit;

c) F'Haz-Zebbug nhar id-29 ta' Settembru 1996 f'xi hin wara nofsinhar ikkommettew serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Ghabex" sitwat fi Triq l-Imdina, liema serq huwa kkwalifkat bil-mezz, valur li jaccedi l-elf lira (LM1000) Maltin, vjolenza numerika u lok u li sar ghad-detriment ta' Vincent Borg;

d) F’Santa Venera nhar l-5 ta’ Ottubru, 1996 f’xi hin wara nofsinhar, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti mill-fond “Sacred Heart” sitwata fi Triq ix-Xarretta, liema serq huwa kkwalfikat bil-mezz, lok, valur li jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u li sar ghad-detriment ta’

e) Lil Joseph Christie u Stephn Grech wehedhom akkuzati talli f’Hal-Ghaxaq, fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Settembru 1996, ikkommettew serq ta’ oggetti tad-deheb mill-Knisja parrokjali ta’ Santa Maria, liema serq huwa kkwalifika bil-mezz, hin, lok u valur u li sar ghad-detriment ta’ l-istess knisja;

f) Lil Joseph Christie wahdu akkuzat talli fit-3 ta’ Ottubru, 1996, f’xi hin filghodu fil-Pieta, ikkometta serq ta’ diversi oggetti mill-fond ‘Calypso’ f’84/1, Gwardamangia Hill, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u li jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u lok, u li sar ghad-detriment ta’ Carmelo Guilaumier;

g) Lil Joseph Christie wahdu akkuzat talli f’Hal-Qormi fil-lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Ottubru 1996 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-fond “Ray Car Hire” sitwat fi Triq il-Kaccatur, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u li

jaccedi l-elf lira Maltin (LM1000) hin, u li sar ghad-detriment ta' Rowanne Avallone;

h) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'Haz-Zabbar nhar it-3 ta' Ottubru 1996, f'hin bejn it-8.00p.m. u l-10.30p.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Mirarfi" sitwat fi Triq il-Mina ta' Hompesch, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Joseph Zarb;

i) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'B'Kara nhar is-26 ta' Mejju 1996, f'xi hin bejn l-10.00a.m. u s-6.00p.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Villa Muzika" sitwata fi Triq Galanton Vassalli, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u lok u li sar ghad-detriment ta' George Debono;

j) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, fil-21 ta' Gunju, 1996 f'xin hin qabel l-11.00p.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond Flat 3, Garden Grove, Star Street, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Mario Schembri Wismayer;

k) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli f'San Gwann matul il-lejl ta' bejn s-7 u it-8 ta' Setembru, 1996 ikkometta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond "Lantern" sitwat fi Triq Marmora, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Saviour Borg;

l) Lil Kevin Sammut wahdu, akkuzat talli f'B'Kara fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Settembru, 1996, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur mill-fond Karinya sitwata fi Triq Agius De Soldanis, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Anthony Desira;

m) Lil Kevin Sammut wahdu, akkuzat talli f'Bugibba fid-9 ta' Settembru f'xi hin bejn l-4.50p.m. u l-10.30p.m. ikkometta serq ta' divesi oggetti ta' valur, mill-fond 2A, "Caccia Flats" sitwat fi Triq il-Hgejjeg, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000), hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Norman Bezzina'

n) Lil Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut akkuzati talli matul l-ahhar xhur, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda

b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

o) Lil Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut akkuzati talli f'dawn l-ahhar xhur, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hassru l-aperturi tar-residenzi fuq imsemmija ghad-detriment ta' l-istess sidien;

p) Lil Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut akkuzati talli f'dawn il-gzejjer matul l-ahhar xhur b'xi mod li jkun, xjentement ghinu u assistew lill-awtur jew awturi ta' delitti imsemmija hawn fuq li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat;

q) Lil Stephen Grech wahdu akkuzat talli huwa sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti diversament presjeduti datati 21.4.1986, 21.05.1990 (Appell) u 12.02.1996 rispettivament;

r) Lil Joseph Christie wahdu akkuzat talli kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 5 tal-Kap. 152 ta' Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti datata 7.03.1994 li biha kien

gie misjub hati ta’ reat u illiberat bil-kundizzojni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

s) Lil Kevin Sammut wahdu akkuzat talli huwa sar recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti datati 16.12.1994 u 29.11.1995 rispettivament liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-18 ta’ Novembru, 1996 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet kontra Joseph Christie, Stephen Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut :

fil-konfront ta’ Joseph Christie biss

(a) Fl-Artikoli 18, 261(a)(b)(e)(f)(c), 42, 43, 45, 46, 47, 325(b), 334, 262, 263, 264, 265, 266, 269, 270, 278, 279, 280, 281, 276, 277, 329 u 330 tal-Kodici Kriminali;

(b) Fl-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152;

fil-konfront ta’ Stephen Grech biss

Fl-Artikoli 18, 261(a) (b) (c) (e) (f), 42, 43, 45, 46, 47, 49, 50, 325(b) 334, 262, 263, 264, 265, 266, 269, 270, 278, 279, 280, 281, 276, 277, 329 u 330 tal-Kodici Kriminali;

fil-konfront ta’ Silvan Cilia biss

Fl-Artikoli 18, 261(a) (b) (c) (e) (f), 42, 43, 45, 46, 47, 325(b), 334, 262, 263, 264, 265, 266, 269, 270, 278, 279, 280, 281, 276, 277, 329 u 330 tal-Kodici Kriminali;

fil-konfront ta' Kevin Sammut biss :
Fl-Artikoli 18m 261 (a) (b) (c) (e) (f), 42, 43, 45, 46, 47, 49, 50, 325(b), 334, 262, 263, 264, 265, 266, 269, 270, 278, 279, 280, 281, 276, 277, 329 u 330 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-erba imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma kellhom l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti sommarjament;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Jannar, 2001 illi permezz taghha l-erba' imputati fuq imsemmija talbu illi issir is-separazzjoni ta' gudizzju fil-konfront taghhom sabiex eventwalment il-Qorti taghti sentenza fil-konfront ta' kull wiehed minnhom u rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Jannar, 2001 illi permezz tieghu ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati kollha ? fil-konfront ta' Kevin Sammut u Joseph Christie (fol. 791).

Semghet lill-imputat Kevin Sammut jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-3 ta' Jannar, 2001.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi illi fuq ammissjoni volontarja tal-istess imputat Kevin Sammut issib lill-istess Kevin Sammut **hati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana wara li rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-18 ta’ Novembru, 1996.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena rapport illi sar minn Mariella Camilleri rigwardanti l-imputat Kevin Sammut, kif ukoll rapport iehor ukoll dwar l-imputat Kevin Sammut illi sar mill-‘probation officer’ Joanne Battista u illi jinsab f’dawn l-atti.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta’ piena x-xhieda illi ta Leo Grech l-‘employer’ tal-imputat Kevin Sammut illi qal illi l-imputat huwa impjegat mieghu bhala ‘mechanic’, jaghmel xogholu sew, huwa obbedjenti u illi huwa sodisfatt hafna bl-andament tal-imputat Kevin Sammut fuq ix-xoghol.

Il-Qorti semghet ukoll lill-mart l-imputat illi qalet illi zewgha biddel hajtu, illum il-gurnata ghandhom zewg itfal u minkejja li meta iltaqghet mieghu l-imputat kien isofri mill-problema tad-dipendenza fuq id-droga illum il-gurnata huwa gheleb din il-problema u ma reghax waqa f’dan il-vizzju.

Il-Qorti ikkunsidrat ferm ukoll ir-rapport ipprezentat illi sar minn Mariella Camilleri, Ufficjal tal-Probation, illi qalet fir-rapport taghha illi meta saru ir-reati in kwistjoni l-imputat kien ibaghti mill-problema tad-droga.  Kien jinteressah biss minn fejn ser isib il-flus sabiex jakkwista d-droga.

Illi jidher illi meta l-imputat iltaqa mal-mara li ghandu illum f'Gunju, 1997 huwa kien qieghed ghadu jabbuza mid-droga, pero' fuq talba tal-gharusa tieghu, illum martu, huwa waqaf kemm mill-metadone u kif ukoll minn kull tip ta' droga u dana gara f'Awissu, 1997.  Huma izzewgu f'Novembru, 1997 u illum il-gurnata kif diga intqal ghandhom zewg itfal.  L-imputat ilu fl-impjieg tieghu mal-Paramount Garage minn Jannar, 1998.  Leo Grech, l-employer tieghu huwa dispost illi jghin lill-imputat.  Huwa anke dispost illi jzommlu post mal-azjenda tieghu anke jekk l-imputat jintbaghat il-habs.  Illum il-gurnata l-imputat qata l-hbieb illi kellu sabiex b'hekk zgur ma jergax jaqa fil-vizzju tad-droga.

Illi r-rakkommandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, wara illi ikkonsultat ruhha ma Dr. Mark Said mill-Ufficju tal-Avukat Generali hija fis-sens illi l-imputat jinghata ordni ta' probation, kif ukoll illi jhallas multa.

Illi l-Qorti rat ukoll ghall-fini ta' piena is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta kontra Kevin Sammut omissis" illi permess taghha il-Qorti dehrilha illi "meta ikkommetta r-reati l-imputat kien qieghed jbaghti mill-vizzju tad-droga u r-reati ta' serq sehhew biss sabiex ikun jista jakkwista l-flus biex jixtri d-droga. Dan naturalment ma inaqqasx mill-gravita ta' dak li ghamel l-istess Sammut, izda dan il-fatt ghandu u sejjer jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti biex tara kif ghandha tiddisponi mill-kaz". Dik il-Qorti kienet tal-fehma illi l-imputat Kevin Sammut kellu jinghata l-opportunita li jikkonsolida l-progress li ghamel fir-riabbilitazzjoni tieghu wara l-perjodu ta' zbandament f'hajtu, perjodu li jidher li intemm darba ghal dejjem f'Awissu, 1997.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti wara illi rat ukoll l-Artikolu 5 u l-Artikolu 11 tal-Kap. 152 hija tal-fehma illi minflok ma ghandha tikkundanna lill-hati Kevin Sammut ghall-piena ta' prigunerija ghandha tqeghdu taht probation skond l-ordni tal-probation anness ma din is-sentenza ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum u dan wara li ghamlet ukoll dak mehtieg skond is-Subartikolu 5 tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152. Ghalhekk tordna lill-imsemmi Kevin Sammut sabiex ihallas is-somma ta' hames mitt lira (LM500) bhala multa b'sitt xhur zmien ghall-hlas, b'dan illi

japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9 jekk l-imputat jonqos anke minn pagament mensili wiehed, u tordnalu wkoll sabiex ihallas lir-Registratur fi zmien tlett xhur mil-lum l-ispejjez kollha konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz u tordna ukoll illi matul dawn it-tlett snin il-hati Kevin Sammut ghandu jkun taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation Mariella Camilleri.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos milli jhares l-ordnijiet kollha li taghtih l-Ufficjal tal-Probation, kif ukoll jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett snin fuq imsemmi illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur